

V

(Avviżi)

PROCĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja (Seduta Plenarja) tat-18 ta' Diċembru 2014 – Il-Kummissjoni Ewropea

(Opinjoni 2/13) ⁽¹⁾

[Opinjoni mogħtija skont l-Artikolu 218(11) TFUE — Abbozz ta' ftehim internazzjonali — Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali — Kompatibbiltà tal-imsemmi abbozz mat-Trattati UE u FUE]

(2015/C 065/02)

Lingwa tal-proċedura: il-lingwi uffiċjali kollha

Talba mressqa minn

Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Romero Requena, H. Krämer, C. Ladenburger u B. Smulders, aġenti)

Dispożittiv

Il-ftehim dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali la huwa kompatibbli mal-Artikolu 6(2) TUE u lanqas mal-Protokoll (Nru 8) dwar l-Artikolu 6(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea dwar l-adeżjoni tal-Unjoni għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

⁽¹⁾ ĠU C 260, 07.09.2013.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-18 ta' Diċembru 2014 – Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-81/13) ⁽¹⁾

Rikors għal annullament — Koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali — Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija — Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni — Għażla tal-bażi legali — Artikolu 48 TFUE — Artikolu 79(2) (b) TFUE — Artikolu 217 TFUE

(2015/C 065/03)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: M. Holt, C. Murrell, E. Jenkinson, S. Behzadi-Spencer, aġenti, assistiti minn A. Dashwood, QC)

Parti intervenjenti insostenn tar-rikorrent: L-Irlanda (rappreżentanti: L. Williams, aġent, assistit minn N. Travers, BL)